**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Jobsplus**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Giovanni Mazza, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 41604A**

***Kaz. Nru. 3860/24***

Illum, 4 ta' Novembru, 2024S

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Giovanni Mazza bil-lingwa Ingliza u ċioe talli:

> On the **01/11/2023** and previous dates, as director of **Penzalapanza Ltd (C89910**), in the outlet called **Penzalapanza** situated in **San Ġwann, you worked as self-employed** and you also employed: **Dilshod Pulatov 335407A**, without notifying Jobplus;
>
> Furthermore, you employed said **Dilshod Pulatov 335407A** who is not a citezen of Malta, other than such person was in possession of a single permit or employment licence.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-ispetturi ta' Jobsplus, **Bernard Zarb, Therese Zammit** u **Sandro Zarb** lkoll xehdu kif dakinhar, ta' l-ewwel ta' Novembru 2023, meta għamlu spezzjoni għall-għarrieda fir-ristorant Penzalapanza f' San Ġwann, fost persuni li sabu fil-kċina kien hemm ċertu Dilshod Pulatov ta' nazzjonalità mill-Uzebekistan.

Ittieħdu ritratti minn dawn ir-rappreżentanti ta Pulatov jaħdem fil-kċina. Xehdu kif Pulatov ikkonferma, bil-kitba tiegħu stess fuq *Intervew Sheet No.25308*[1] esibita minn Therese Zammit, li kien qiegħed jaħdem fil-kċina tar-ristorant ghal dawk l-aħħar tlett ijiem fuq *training*.

Fuq l-istess dokument kien l-istess Pulatov li kiteb id-data ta' twelid tiegħu 8 t'Ottubru 1985 kif ukoll in-numru tal-karta tal-identità tiegħu u ċioe **0335407A.**

Rappreżentant mill-Environment Health Department ikkonferma kif l-imputat applika bħala manager ghal liċenzja tar-ristorant fuq il-kumpanija Penzalapanza Ltd.[2] Claudia Diacono, ghal Malta Business Registry, ikkonfermat li l-imputat kien direttur, *company secretary* u *judicial representative* ghal din il-kumpanija fiż-żmien li saret l-imsemmija spezzjoni.

Thomas Barry għal Identità spjega kif Pulatov bid-data ta' twelid 08/10/1985 u detentur tal-karta tal-identità nru. 0335407A, kellu permess, Single Permit, biex jaħdem ma Magnesteel Heating Systems Ltd.

**Ir-ritratti fuq d-dokumenti ta' Identità[3] juru l-persuna fotografata minn Jobsplus filwaqt li d-dettalji reġistrati ma Identità jaqblu mad-dettalji mogħtija lill-uffiċjali ta' Jobsplus minn Pulatov.**

[1] Dok.TZ
[2] Dok.SF
[3] Dok.TB

Imbghad ma jridx jintesa dak li jipprovdi l-artikolu 39 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jingħad is-segwenti:

> Għall-finijiet ta' dan l-Att, persuna li tkun qed taħdem f'xi post tax-xogħol titqies li tkun impjegata jew taħdem għal rasha.

Illi l-imputat mhux qed jiġi akkużat biss rigward in-nuqqas li jirreġistra ma Jobsplus lil Pulatov u li ħaddem miegħu l-istess persuna li kienet Third Country National mingħajr il-permessi rikjesti, iżda wkoll li hu stess ma kienx reġistrat li jaħdem mal-istess ristorant. Issa fl-*Application Form for the Registration of Food Premises In terms of The Food Safety Act*[4] hemm indikat li Giovanni Mazza karta tal-identità 041604A huwa l-*manager*.

Hawnhekk terġa issib applikazzjoni d-dispożizzjoni tal-artikolu 39 tal-Att appena ċitata fil-konfront tal-impjieg tal-imputat innifsu.

Magħdud dan kollu l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi.

Għal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17(h) u 31 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 36, 37, 39 u 43 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah multa ta' tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) pagabbli b'rati mensili fiż-żmien sena millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[4] Dok.SF